# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Lulju 2024

Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **biex is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda jwassal il-qawwa ta' Alla lil dawk li jirċevuh u lill-maħbubin tagħhom, u jkun dejjem aktar sinjal viżibbli ta' kompassjoni u tama għal kulħadd.**

**Ninġabar:**

Infittex post għall-kwiet, nieħu tliet nifsijiet fil-fond u nħalli lili nnifsi nidħol fil-preżenza ta' Alla. Inġib quddiem għajnejja dawk kollha li għandhom mard serju fl-isptarijiet u fid-djar ta' kura, li minħabba n-nuqqas ta' saħħa tagħhom ma jistgħux jersqu għas-Sagramenti fil-komunità.

**Fatt ċkejken:**



Iz-zija tiegħi kien ħarġilha il-kanċer xi għaxar snin ilu u wara li għamlet il-kura fieqet. Iżda fl-2018 reġa' feġġ. Wara xhur tiġġilidlu, kien ċar li kienet waslet fl-aħħar jiem ta' ħajjitha. Hi qatt ma kienet tfalli l-quddies. Imma issa kienet qed tkun għajjiena wisq u ma kinetx tiflaħ iktar toħroġ mid-dar għall-knisja. B'xorti tajba fil-parroċċa tagħha diversi voluntiera kienu jagħtu servizz bħala Ministri Straordinarji tal-Ewkaristija; għalhekk hi qatt ma tilfet tqarbina l-Ħadd. Speċjalment, għax wieħed minn dawn il-voluntiera kien ġar tagħha.

L-aħħar darba li kien ġie, jien kont mort ngħinha tipprepara ruħha fil-kura personali tagħha għal meta jiġi jqarbinha. Meta ġie għamel kollox tassew bil-qalb! Saħansitra qralha l-Vanġelu, sabiex hi ma tkunx tilfet wisq mill-quddies. Qarbinha b'solennità kbira u wara għamilna mument ta' skiet. Jumejn wara z-zija ġiet rikoverata l-isptar. U qatt ma reġgħet ħarġet.

Propju meta kienet waslet fl-aħħar, jien mort naraha u kif rajtha hekk staqsejt lil binha "Għamlulha l-Griżma tal-Morda?" "Le, ...". Sejjaħna patri Kapuċċin, li bi ħlewwa kbira għamlilha d-Dilka. Iz-zija raddet is-Salib magħna bil-ftit saħħa li kien baqgħalha. Meta tlesta r-rit hi ukoll lissnet b'leħen kiebi "Ammen". U qatt ma tkellmet iktar. Jumejn wara mietet. Iz-zija ħalliet din id-dinja bil-konfort tas-Sagramenti li hi tant kienet tħobb u li fihom dejjem sabet konsolazzjoni kbira sal-aħħar nifs tagħha.

**Naħseb ftit:**

Kif nista' nżomm iktar kuntatt ma' dawk li m'għadhomx jistgħu jingħaqdu magħna fil-knisja minħabba l-mard?

**Nitlob:**

Mulej, agħmel li dejjem niftakru f'dawk il-membri tal-komunità tagħna li m'għadniex narawhom fostna, sabiex huma, għalkemm morda, ma jħossuhomx abbandunati għal kollox imma jibqgħu jħossu l-ħniena Tiegħek permezz tagħna.

**Kliem ta' dawl:**

Il-Griżma tal-Morda "tippermettilna mmissu b'idejna il-ħniena ta' Alla lejn il-bnedmin" u din iġġib magħha il-preżenza ta' Alla li tfejjaq lil dawk li jkunu għaddejjin mit-tbatija. *Il-Papa Franġisku*

**X'nista' nagħmel:**

Jekk naf b'xi ħadd li għandu mard serju u ma jistax jattendi l-knisja nibagħtilhom xi kartolina, jew inċemplilhom, jew nikkuntatja l-familja tagħhom, sabiex huma jkunu jafu li baqa' min jiftakar fihom fil-komunità tagħhom.